**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 21 ta' Frar 2024

**Il-Pulizija**
(Spettur Jonathan Cassar)
(Spettur Gabriel Kitcher)

**vs**

**Noel Bonello**
**(K.I. 288979M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Noel Bonello** iben Alfred u Carmen nee' Pulis, imwieled Tal-Pieta' nhar l-14 ta' Ġunju 1979 residenti 34 'Niger', Triq id-Dukkar, Żabbar, detentur tal-karta tal-identità' 288979M u akkużat talli bejn April 2023 u Settembru 2023 u/jew fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, minn ġewwa dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnek ukoll jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ li ma jeċċedix il-€5000 għad-detriment tal-konjuġi Emanuel Abela u Doris Abela;

2. Bi ħsara tal-konjuġi Emanuel Abela u Doris Abela għamilt qligħ ieħor b'qerq. Mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub titolu;

3. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' swar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ li ma jeċċedix il-€5000 għad-detriment tal-konjuġi James Cassar Law u Esmeralda Cassar Law;

4. Bi ħsara tal-konjuġi James Cassar Law u Esmeralda Cassar Law għamilt qliegħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu;

5. Approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn elf ewro (€1000), fdati jew ikkunsinnati lilu mil-konjuġi Emanuel Abela u Doris Abela taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

6. Approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn tlett elef u ħames mitt ewro (€3500), fdati jew ikkunsinnati lilu mill-konjuġi James Cassar Law u Esmeralda Cassar Law taħt titoli illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat; u

7. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih

> Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil- proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, partikularment Emanuel u Doris Abela u James u Esmeralda Cassar Law, u/jew ta' xhieda oħra li se jixhdu fil-kawża.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2023 l-akkużat irreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat illi fl-istess seduta tal-20 ta' Settembru 2023, Il-Qorti ordnat illi jsir *pre-sentencing report* fil-konfront tiegħu;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2023, il-Qorti ġiet informata illi l-akkużat ma attenda għall-ebda appuntament mogħti lilu mill-*Probation Officer*;

Semgħet lill-Probation Officer jixhed fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2024 fejn reġa kkonferma illi l-akkużat ma attendiex għall-appuntamenti mogħtija lilu;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2024, il-Qorti rrevokat id-Digriet tagħha fejn ordnat illi jsir li-*pre-sentencing report* sopra msemmi;

Semgħat it-trattazzjoni fis-seduta tal-lum stess dwar il-piena;

Rat id-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta mill-atti preżentati li fil-5 ta' Mejju 2023, il-kwerelanti Emanuel Abela u Doris Abela irrapportaw illi fil-21 ta' April 2023, huma kienu ltaqgħu mal-akkużat u semmewlu li kellhom xi diffikultajiet finanzjarji. Hu qalilhom li kien lest jgħinhom u jagħtihom donazzjoni ta' €1,000,000, però biex ikun jista' jtihom din iċ-ċifra, kellhom bżonn jagħtuh s-somma ta' €1,000 biex iħallashom bħala taxxi. Meta raw li s-somma mwiegħda ma ġietx, huma talbuħ jirrifondilhom is-somma ta' €1,000 imħallsa lilu iżda dan qatt ma' raddhom lura.

Illi jirriżulta wkoll li fid-19 ta' Settembru 2023, il-parte ċivile James Cassar Law fejn ukoll stqarr li l-akkużat kien wegħdu li se jagħtih is-somma ta' €1,000,000. Kienu ltaqgħu diversi drabi biex jirranġaw it-trasferiment ta' din is-somma u kull darba li jiltaqgħu, l-akkużat kien jitolbu xi flus bl-iskuża li jrid iħallas lin-nutar, lill-bank u spejjeż oħra. B'kollox, huwa stqarr li hu u martu Esmeralda Cassar Law kienu għaddewlu s-somma ta' €3,500.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu fl-ewwel dehra quddiem dina l-Qorti u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi madanakollu, il-Qorti tinnota wkoll li hemm diversi akkużi li huma alternattivi għal xulxin. Filfatt, l-akkużat għandu l-akkużi ta' Frodi b'egħmil qarrieqi (Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali); l-akkużi ta' każijiet oħra ta' qliegħ b'qerq (Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali) u l-akkużi ta' approprjazzjoni bla jedd (Artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali). Illi kif inhuwa paċifikament ritenut mill-qrati tagħna, ir-reati ta' frodi u ta' approprjazzjoni bla jedd huma reċiprokament esklussivi. Di piu, ir-reat ġeneriku ta'

Frodi jissussisti biss fejn ma hemmx reat ta' frodi aktar serju. F'dan il-każ, mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, jirriżulta ċar li l-elementi tar-reat ta' Frodi b'egħmil qarrieqi skont l-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali jissussistu u b'hekk, ma tistax tieħu konjizzjoni tal-akkużi rigwardanti l-Artikolu 309 u l-Artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali rispettivament.

Illi s-seba akkuża, tirrigwardja l-użu mhux dovut ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni bi ksur tal-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat m'huwiex alternattiv għall-akkużi l-oħra dedotti kontra tiegħu.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti setgħet tinnota illi l-akkużat ma attendiex għall-appuntamenti mogħtija lilu mill-probation officer sabiex isirlu l-pre-sentencing report u b'hekk tilef opportunità sabiex jindirizza kwalunkwe diffikultà li seta' kien għaddej minnha. Di più, l-Qorti rat illi l-akkużat ammetta r-reati de quo fl-ewwel udjenza tiegħu quddiem din il-Qorti u b'hekk, minkejja li stante l-gravità tar-reati addebitati kontrih jistħoqqu piena karċerarja effettiva, din għandha tkun aktar viċin il-minimu milli l-massimu.

Illi di più, il-Qorti tqis ukoll li f'dan il-każ għandha tapplika l-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-istess akkużat sabiex jirrifondi lura l-qliegħ magħmul minnu illeċitament.

Illi finalment, fir-rigward tat-talba għall-applikazzjoni tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tressqet ebda prova jew sottomissjoni li timmilita a favur tal-applikazzjoni ta' dawn l-artikoli, aktar u aktar meta ma ġiex ipprovat li l-akkużat u l-parte ċivile għandhom raġuni jew opportunitajiet sabiex jiltaqgħu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u tal-ħames akkużi stante li dawn huma alternattivi għall-ewwel akkuża u filwaqt li qed

tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' u s-sitt akkuża stante li dawn huma alternattivi għat-tielet akkuża, u wara li rat l-artikoli 17, 31, 308, 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta , u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Noel Bonello <u>ħati</u>** tal-ewwel, it-tielet u s-seba' akkużi dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannaħ għall-piena komplessiva ta' sentejn priġunerija effettivi kif ukoll għall-multa ta' €1,000.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati:

i. jirrestitwixxi minnufiħ lil Emanuel Abela u Doris Abela is-somma ta' €1,000 rappreżentanti somma akkwistata bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi mill-imsemmija parte civile;

ii. jirrestitwixxi minnufiħ lil James Cassar Law u Esmeralda Cassar Law is-somma ta' €3,500 rappreżentanti somma akkwistata bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi mill-imsemmija parte civile;

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ma kien hemm ebda ħtieġa ta' ħatra ta' esperti.

**Ft. Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**